MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 833/2001/1

**Westland Travel Agency Ltd**

**Vs**

**Milou Trading Limited u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2002 giet kjamata in kawza Maria Abela personalment**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tal-ammont ta' tlett elef wiehed u disghin liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm3091.12) rapprezentanti bilanc dovut lis-socjeta attrici ghall-prezz ta' biljetti ta' l-ajru u akkomodazzjoni mibjugha lill-konvenut fuq rikjesta tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez tal-procedura u ta' l-ittra tat-30 ta' Awissu 2001 flimkien ma l-imghax kummercjali skond il-ligi sad-data tal-

pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-digriet moghti fit-22 ta' Mejju 2002 (fol 14 tal-atti) u li bih giet kjamata in kawza, Maria Abela personalment;

Wara li rat ukoll li dan il-kaz trattasi ta' materja kummercjali u b'hekk topera il-presunzjoni ta' solidarjeta' skond l-artikolu 115 (1) tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut et jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta u l-kjamata in kawza naqsu u ma dehrux fil-11 ta' Novembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra (ara ukoll fol 14 tal-istess atti).

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta u lil Maria Abela personalment sabiex jhallsu "in solidum" bejniethom lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm3091.12,0 bl-imghax legali mill-ewwel (1) ta' Ottubru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Awissu 2001.

Alan Calleja
Deputat Registratur